MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 423/2003

**Xuereb Installations Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ hamsa u tletin elf, sitt mija u sitt liri u tlieta u disghin centezmu (Lm35,606.93) prezz ta’ prodotti u materjal ta’ gypsum u xoghol ta’ installazzjoni ta’ l-istess prodotti u materjal kif ukoll prezz ta’ prodotti, materjal u xoghol relat, liema prodotti u materjal gew mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici

u liema xoghol sar mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta, nonostante l-fatt illi giet diversi drabi interpellata thallas, baqghet inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti illi, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u in vista ta' l-affidavit ta' Frank Xuereb (Dok. A. anness mac-citazzjoni);

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf, sitt mija u sitt liri u tlieta u disghin centezmu (Lm35,606.93);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-29 ta' Marzu 2003, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Frank Xuereb u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------